MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 887/2004

**Keith Richard Schembri**

**vs**

**Ian Spiteri Bailey**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Keith Richard Schembri fejn dan, wara li ppremetta illi:

Fit-18 ta’ Novembru, 2002, waqt li l-istanti kien isuq Fiat Uno numru JAA-201 fil-Mosta, din sfat involuta fl-incident stradali mal-car Peugeot, numru IAN-306, misjuqa mill-konvenut u oltre l-hsara estensiva mgarrba mill-Fiat Uno, u hsara f’xi oggetti tal-istanti li kienu fil-car, l-istanti safa’ mwegga’ u ttiehed l-isptar u ghadu s’issa jbati minn ugigh.

Permezz tal-assikuraturi tieghu, Citadel Insurance plc, il-konvenut accetta responsabbilta' ghall-incident li, f'kwalunkwe kaz gara minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu.

Is-socjeta' assikuratrici fil-fatt ga hallset tal-hsarat imgarrba lill-Fiat, liema hlas sar lil sidha, missier l-istanti.

Il-konvenut (tramite l-assikuraturi taghha) qed jichad li l-istanti garrab debilitazzjoni permanenti in segwitu ghall-incident imsemmi u dana kif certifikat mill-konsulent kirurgu orthopediku, Mr. Carmel Sciberras FRCS li rrilaxxa d-Dok. D.

L-istess kumpanija assikurattrici ma tridx thallas ta' "mobile" u "stereo" tal-istanti li sfaw imkissra fl-incident ghax trid "full & final settlement".

Talab il-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali msemmi u ghad-danni kollha li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti.

Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra tal-periti nominandi.

Tikkundannah ihallas lill-istanti dak il-quantum hekk dikjarat u likwidat bhala dovut in linea tad-danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru, 2004, u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata pprezentata mill-istess Keith Richard Schembri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Ian Spiteri Bailey fejn dan eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-attur ma sofra ebda debilita' permanenti in segwitu l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez stante illi huwa ammetta r-responsabilita' ghall-istess incident, u fil-fatt is-socjeta' assikurattrici tieghu diga' hallset id-danni lil sid il-vettura involut fl-incident in kwistjoni, u din il-kawza ma kinitx issir li kieku ma kienx ghall-insistenza tal-attur li huwa kien sofra debilita' permanenti in segwitu l-istess incident, u kontestwalment mal-prezenti nota ta' eccezzjonijiet qed jipprezenta cedola ta' depozitu ghall-ammont ta' mitejn u erbgha u disghin Lira Maltija (Lm294.00) rapprezentanti d-danni realment subiti mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenut Spiteri Bailey.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-rapport mediku tal-Perit Mediku Mr. Charles Grixti nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Gunju, 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2007, li permezz tieghu inhatru Mr. Ray Gatt, Mr. Ivan Esposito u Mr. Massimo Abela bhala periti perizjuri.

Rat ir-rapport tal-istess periti perizjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi b'din il-kawza, il-konvenut ammetta r-responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u konsegwentement accetta li jhallas, u fil-fatt iddepozita fil-Qorti, l-ammont ta' Lm294 rapprezentanti damnum

emergens reklamati mill-attur. Il-vertenza f'din il-kawza, ghalhekk giet ridotta ghall-verifika dwar l-ezistenza o meno ta' dizabilita' permanenti fl-attur kawza tal-incident u fil-kaz li din tezisti il-kalkolu u kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' kumpens ghal nuqqas ta' qliegh futur.

Din il-kawza hija tipikament karatterizzata b'varjazzjoni sostanzjali ta' konkluzjonijiet li waslu ghalihom il-periti medici. Dawn kienu jvarjaw minn 4% dizabilita' stabbiita mill-perit mediku inkarigat ex parte mill-attur ghall-inezistenza totali ta' dizabilita' stabbilita mill-perit mediku inkarigat mill-konvenut. Tal-istess fehma ta' dan tal-ahhar kien il-perit mediku nominat minn din il-Qorti.

Il-periti perizjuri, finalment waslu ghall-konkluzjoni li l-attur sofra dizabilita' ta' 3% (whole body impairment). Din il-Qorti m'ghandha ebda raguni valida tiddipartixxi minn din il-konkluzjoni. F'dan is-sens, il-Qorti taghmel pjena referenza ghal dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 1998, fil-kawza “Grima vs Mamo”, u kif ukoll mill-istess Qorti fid-9 ta' Frar, 2001, fil-kawza “Camilleri vs Debattista”.

Stabbilit il-premess, l-attur donnu qed jippretendi li l-ammont ta' kumpens dovut lilu ghandu jigi kalkolat fuq bazi ta' paga ta' €18,000. Il-Qorti ma tistax tifhem kif wasal ghal din ic-cifra meta l-oghla cifra ta' qliegh li wera kienet dik tas-sena 2003, meta jirrizulta li qala' Lm4,621. Il-Qorti m'hijiex ser tikkalkola l-medja tas-sentejn li taghhom hemm dokumenti in atti ghaliex fis-sena 2002, l-attur ma hadimx minn Jannar u donnu li lanqas kien jahdem “full time”. Il-Qorti, ghalhekk ser tibbaza l-kalkoli taghha fuq l-ahhar sena li taghha hemm prova u cioe' 4621.

L-attur kellu dsatax-il sena fil-mument tal-incident u ghalhekk il-Qorti qed taddotta multiplier ta' 37 (ara “Schembri vs Portelli”, deciza mill-Imhallef L. Farrugia Sacco fit-2 ta' Novembru, 2009).

4621 x 37 x 3% = Lm5129.31.

Peress illi ghaddew tmien snin mill-incident, qed isir tnaqqis ta’ 10% in relazzjoni mal-fattur ta’ “lump sum payment”.

5129.31 jitnaqqsu 512.931 = Lm4616.379.

Ghalhekk, il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm4910.379 rapprezentanti 294 bhala damnum emergens u Lm4616.379 bhala lucrum cessans.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida l-ammont ta’ danni dovuti ghal hdax-il elf erba’ mija u tmienja u tletin Ewro u hdax-il centezmu (€11,438.11), ekwivalenti ghal Lm4910.38.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ hdax-il elf erba’ mija u tmienja u tletin Ewro u hdax-il centezmu (€11,438.11) lill-attur, bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------